# QORTI TAL-APPELL

**Imħallfin**

**Onor. Imħallef Giannino Caruana Demajo**
**President**

**Onor. Imħallef Tonio Mallia**

**Onor. Imħallef Anthony Ellul**

**Seduta ta’ nhar il-Ħamis, 12 ta’ Mejju, 2022.**

**Numru 8**

**Rikors maħluf numru 1101/2019/1 MCH**

**Av. Philip Manduca bħala mandatarju speċjali tas-soċjeta`** ***PUMA AG Rudolf Dassler Sport***

***v.***

**Av. Yanika Bugeja u Prokuratur Legali Jean Pierre Busuttil kuraturi deputati maħtura b’dikriet tal-14 ta’ Jannar 2020 biex jidhru f’isem** ***Elfarouk Commerce International Limited***

1. Dan huwa appell tal-kuraturi konvenuti minn sentenza mogħtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 ta’ Marzu 2020 li laqgħet it-talba tas-soċjetà attriċi għal dikjarazzjoni illi merkanzija tal-konvenuta hija falzifikata u għalhekk tikser id-drittijiet ta’ proprjetà intellettwali tal-attriċi, u biex din il-merkanzija tinqered. L-ewwel qorti tat din is-sentenza wara li iddikjarat illi l-konvenuta rappreżentata minn kuraturi hija kontumaċi u għalhekk b’dikriet tat-3 ta’ Marzu 2020 ordnat illi t-

tweġiba maħlufa tal-kuraturi titneħħa mill-inkartament u dakinhar stess tat is-sentenza.

2. Il-kuraturi appellaw b'rikors tat-12 ta' Marzu 2020. L-aggravju waħdieni tal-appell huwa illi l-kuraturi ma kinux notifikati kif trid il-liġi u għalhekk is-sentenza ma tiswiex. Talbu illi għal din ir-raġuni l-qorti tħassar is-sentenza u tibgħat l-atti lura lill-ewwel qorti sabiex, wara li l-kuraturi jingħataw żmien biex iwieġbu, jitkompla s-smigħ tal-kawża.

3. Meta dehru quddiem din il-qorti fl-20 ta' Jannar 2022 il-partijiet qablu illi l-konvenuti ma kinux ġew notifikati kif trid il-liġi u għalhekk is-sentenza appellata għandha titħassar. Qablu wkoll illi din il-qorti, wara li tħassar is-sentenza appellata, għandha tiddeċiedi wkoll il-meritu flok tibgħat l-atti lura lill-ewwel qorti. Il-kuraturi iddikjaraw ukoll illi għal-kemm fittxew li jikkomunikaw mal-konvenuta ma rċevew ebda tweġiba mingħandha u għalhekk ma jafux il-fatti tal-każ u ma għandhom xejn xi jżidu.

4. Wara li qieset il-provi fl-atti tal-kawża, partikolarment l-*affidavit* ta' fizzjal tad-dwana, din il-qorti bħall-ewwel qorti temmen illi tassew il-merkanzija li ddaħħlet Malta mis-soċjetà konvenuta hija falzifikata u għalhekk tikser id-drittijiet ta' proprjetà intellettwali tal-attriċi. It-talbiet tal-attriċi għalhekk għandhom jintlaqgħu.

5. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti, wara li tħassar is-sentenza appellata billi ngħatat mingħajr ma saret notifika kif trid il-liġi, tilqa' t-talbiet tas-soċjetà attriċi:

i. tiddikjara li l-oġġetti konsistenti f'mija u sitta u tletin (136) kaxxa b'total ta' elfejn seba' mija u għoxrin (2,720) par żraben sportivi li jinsabu miżmuma taħt l-awtorita tad-Dwana wara li kienu nstabu fil-*container* numru SEGU5025525 huma bi ksur tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali tas-soċjetà attriċi għax falzifikati;

ii. tordna lid-Direttur Ġenarali (Dwana) sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' disgħin (90) jum millum jeqred dawn l-oġġetti, f'kull każ mingħajr ebda kumpens lill-konvenuta u a spejjeż tagħha; u

iii. tikkundanna lill-konvenuta tħallas l-ispejjeż kollha konnessi mal-miżuri ordnati u l-ispejjeż tad-Dwana kif iridu l-Att dwar Drittijiet dwar Proprjetà Intellettwali (Miżuri Intrakonfini (Kap. 414) u r-Regolament EU 608/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013.

6. L-ispejjeż ġudizzjarji tal-ewwel grad tħallashom il-konvenuta; l-ispejjeż tal-appell, billi dan kien meħtieġ minħabba nuqqas tal-attriċi li tara li n-notifika ssir kif trid il-liġi, tħallashom l-istess attriċi.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm